



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' April 2024
(OR. en)

9004/24

FIN 386
INST 151

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Awtorità għall-Ġlieda kontra l-Flus (AMLA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-AWTORITÀ GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-ĦASIL TAL-FLUS (AMLA), L-AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ (ESMA), L-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA (EBA), L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAĊ-ĊIBERSIGURTÀ (ENISA), L-ISTITUT EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI (EIGE), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT (EEA), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI (ECHA) U L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TA' SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA (eu-LISA)

F'konformità mal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni:

- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus* (AMLA) jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027, li, għall-2027, jista' jinvolvi l-użu ta' strumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-AMLA għas-sena finanzjarja 2024 kif inklużi fil-baġit tal-2024 ser jiġu adattati f'baġit emendatorju li jmiss skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva riveduta. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-AMLA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq* (ESMA) jista' jiġi garantit mid-dħul mit-tariffi miġbura għas-servizzi ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni li l-ESMA ser tipprovdi. L-għadd totali annwali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ESMA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġi deċiż fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Awtorità Bankarja Ewropea* (EBA) jista' jiġi żgurat minn dħul mit-tariffi miġbura mill-EBA għas-servizz ta' validazzjoni mogħti lid-ditti finanzjarji fis-swieq tal-ikklerjar. L-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EBA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġi deċiż fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà* (ENISA) jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ENISA għas-sena finanzjarja 2024 ser jiġu inklużi fil-baġit tal-2024 f'baġit emendatorju li jmiss. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ENISA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi* (EIGE) jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 2b tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EIGE għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent* (EEA) jistgħu jiġu żgurati fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-EEA għas-sena finanzjarja 2024 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2024. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment għall-EEA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi* (ECHA) jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ECHA għas-sena finanzjarja 2024 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2024. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ECHA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti preżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja* (eu-LISA) jista' jiġi żgurat fil-limitu massimu ta' nfiq maqbul tal-intestatura 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2024 ser jiġu inklużi fil-baġit tal-2024 f'baġit emendatorju li jmiss. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-eu-LISA għas-snin finanzjarji 2025-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
